Nru. 17,951
Prezz Lm1.60ċ
Price Lm1.60c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 8 ta' Awissu, 2006
Tuesday, 8th August, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

ANNO DOMINI 2006 NRU. VI ANNO DOMINI 2006 NO. VI

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) GEORGE HYZLER
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fis-7 ta' Awissu, 2006, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, GEORGE HYZLER, K.O.M., M.D., qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skond l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 7 ta' Awissu, 2006.

B'Awtorità,

(Iff.) LAWRENCE GONZI
Prim Ministru

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd.) GEORGE HYZLER
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 7th day of August, 2006, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, GEORGE HYZLER, K.O.M., M.D., do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 7th day of August, 2006.

By Authority,

(Sd.) LAWRENCE GONZI
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 692

PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. XV ta' l-2006 imsejjaħ l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur; u

Att Nru. XVI ta' l-2006 imsejjaħ l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi Kriminali.

It-8 ta' Awissu, 2006

Nru. 693

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,948 u 17,950 ta' l-1 u ta' l-4 ta' Awissu, 2006, rispettivament.

A.L. Nru. 162 ta' l-2006: Att dwar ir-Ratifika ta' Konvenzjonijiet dwar Proċeduri Legali (Kap. 443); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 163 ta' l-2006: Att dwar ir-Ratifika ta' Konvenzjonijiet dwar Proċeduri Legali (Kap. 443); Ordni ta' l-2006 dwar nomina ta' l-Awtorità Ċentrali.

A.L. Nru. 164 ta' l-2006: Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291); Avviż dwar ir-Rimunerazzjoni li tingħata lill-Kummissarji għall-Ġustizzja.

A.L. Nru. 165 ta' l-2006: Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387); Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Raba' Skeda ta' l-Att dwar l-Arbitraġġ.

A.L. Nru. 166 ta' l-2006: Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387); Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Raba' Skeda ta' l-Att dwar l-Arbitraġġ (Nru. 2).

A.L. Nru. 167 ta' l-2006: Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali (Kap. 365); Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Kontroll ta' l-Importazzjoni u Esportazzjoni ta' Oġġetti li jistgħu jintużaw għall-Piena Kapitali, Tortura jew Trattament jew Kastig ieħor Krudili, Inuman jew Degradanti.

GOVERNMENT NOTICES

No. 692

PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XV of 2006 entitled the Consumer Protection Laws (Amendment) Act, 2006; and

Act No. XVI of 2006 entitled the Criminal Code (Amendment) Act, 2006.

8th August, 2006

No. 693

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,948 and 17,950 of the 1st and the 4th August, 2006, respectively.

L.N. No. 162 of 2006: Legal Procedures (Ratification of Conventions) Act (Cap. 443); Notice of coming into force.

L.N. No. 163 of 2006: Legal Procedures (Ratification of Conventions) Act (Cap. 443); Nomination of Central Authority Order, 2006.

L.N. No. 164 of 2006: Commissioners for Justice Act (Cap. 291); Commissioners for Justice (Remuneration) Notice.

L.N. No. 165 of 2006: Arbitration Act (Cap. 387); Arbitration Act (Amendment of Fourth Schedule) Regulations, 2006.

L.N. No. 166 of 2006: Arbitration Act (Cap. 387); Arbitration Act (Amendment of Fourth Schedule) (No. 2) Regulations, 2006.

L.N. No. 167 of 2006: National Interest (Enabling Powers) Act (Cap. 365); Importation and Exportation Control of Goods which could be used for Capital Punishment, Torture or other Cruel, Inhuman or Degrading Treatment or Punishment Regulations, 2006.

A.L. Nru. 168 ta' l-2006: Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali (Kap. 365); Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll fl-Esportazzjoni ta' Tagħmir Militari.

It-8 ta' Awissu, 2006

L.N. No. 168 of 2006: National Interest (Enabling Powers) Act (Cap. 365); Military Equipment (Export Control) (Amendment) Regulations, 2006.

8th August, 2006

Nru. 694

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skond l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

It-8 ta' Awissu, 2006
(File No. 764/75)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fil-Belt Valletta:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 527 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Grigal u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u hija rreġistrata fir-*Records* tal-Gvern bħala *tenement* Nru. 51751.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta L.D. 62/76, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President

It-13 ta' Lulju, 2006

No. 694

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

8th August, 2006

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Valletta:–

1. A plot of land of the area of about 527 square metres, bounded on the North, North East and South East by Government property and is registered on the Government's Records as tenement No. 51751.

The abovementioned land is shown marked with the colour red on plan L.D. 62/76, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President

13th July, 2006

Nru. 695

AWTORITÀ DWAR IL-LOTTERIJI U L-LOGĦOB

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija l-Artikolu 9(2) ta' l-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor (Kap. 438), il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi estenda n-nomina ta' l-Awtorità kif komposta preżentement għal perjodu ieħor ta' tliet snin.

Chairman
Dott. Joseph Zammit Maempel, LL.D.

No. 695

LOTTERIES AND GAMING AUTHORITY

IN exercise of the powers conferred by Article 9 (2) of the Lotteries and Other Games Act (Cap. 438), the Prime Minister and Minister of Finance has extended the appointment of the present composition of the Authority for another period of three years.

Chairman
Dr Joseph Zammit Maempel, LL.D.

Membri
Is-Sur Joseph Ross
Dott. Michael Xuereb, LL.D.
Is-Sur Jesmond Pace, ACCA MIA CPAA
Dott. Roberta Fenech Gauci, MA (Fin Serv) LL.D.

It-8 ta' Awissu, 2006

Members
Mr Joseph Ross
Dr Michael Xuereb, LL.D.
Mr Jesmond Pace, ACCA MIA CPAA
Dr Roberta Fenech Gauci, MA (Fin Serv) LL.D.

8thAugust, 2006

Nru. 696

ATT DWAR IL-KUMMISSARJU GĦALL-ĠUSTIZZJA (KAP. 291)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (11) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Kummissarju għall-Ġustizzja, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għażel li t-Tribunal Lokali Għawdex ikollu s-sede tiegħu fiċ-Ċentru ta' NGO, ix-Xewkija, Għawdex, biex jinstemgħu akkużi ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu saru fil-lokalitajiet kollha ta' Għawdex.

Din in-Notifikazzjoni tal-Gvern qiegħda temenda n-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru 1218 tas-16 ta' Diċembru 2005, dwar it-Tribunal Lokali ta' Għawdex.

It-8 ta' Awissu, 2006

No. 696

COMMISSIONERS FOR JUSTICE ACT (CAP. 291)

IN exercise of the powers conferred by subarticle (11) of article 4 of the Commissioner for Justice Act, the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs has designated that the Gozo Local Tribunal be situated at the NGO Centre in Xewkija – for the hearing of charges for scheduled offences committed in all localities in Gozo.

This Government Notice is hereby amending Government Notice No 1218 of the 16th December 2005, as regards Gozo Local Tribunal.

8th August, 2006

Nru. 697

MINISTRU TA' L-EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ U XOGĦOL

Bord għall-Premju Ħaddiem tas-Sena

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol ħatar il-Bord għall-Premju Ħaddiem tas-Sena b'seħħ mis-26 ta' Lulju 2006 sal-31 ta' Diċembru 2007 kif jidher hawnhekk:-

Chairman
Is-Sur Anthony Tabone, MRS Dip. MCIM

Membri
Ms Josephine Attard Sultana
Ms Matilda Balzan
Is-Sur Mario Camilleri
Ms Nicolina Farrugia, BA (Theo)
Is-Sur Philip Fenech
Ms Pamela Muscat
Is-Sur Gaetano Tanti

Segretarja
Ms Margaret Abdilla

It-8 ta' Awissu, 2006

No. 697

MINISTER OF EDUCATION, YOUTH AND EMPLOYMENT

Worker of the Year Award Board

IT is notified for general information that the Minister of Education, Youth and Employment has appointed the Worker of the Year Award Board with effect from 26th July 2006 till 31st December 2007 as follows:-

Chairman
Mr Anthony Tabone, MRS Dip. MCIM

Members
Ms Josephine Attard Sultana
Ms Matilda Balzan
Mr Mario Camilleri
Ms Nicolina Farrugia, BA (Theo)
Mr Philip Fenech
Ms Pamela Muscat
Mr Gaetano Tanti

Secretary
Ms Margaret Abdilla

8th August, 2006

Nru. 698

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Finanzi, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr P Scerri	Direttur Ġenerali *Director General*	Dwana *Customs*	31.07.2006-07.08.2006

It-8 ta' Awissu, 2006

No. 698

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CUSTOMS)

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance, has approved the following acting appointment:–

8th August, 2006

Nru. 699

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilha bl-Artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Mary Camilleri Cutajar, LL.D., bħala Nutar Delegat ta' l-atti tan-Nutar Dott. Mary sive Mariella Mizzi, LL.D., kif ukoll ta' l-atti tan-Nutar Dott. Joseph Felix Abela, LL.D., illum mejjet, sakemm in-Nutar Dott. Mary sive Mariella Mizzi, tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mill-20 ta' Awissu, 2006 sat-28 ta' Awissu, 2006.

Carmel Muscat
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

L-1 ta' Awissu, 2006

No. 699

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Mary Camilleri Cutajar, LL.D., to be Notary Delegate for Notary Dr Mary sive Mariella Mizzi, LL.D., as well as for Notary Dr. Joseph Felix Abela, LL.D., now deceased, during Notary Mary sive Mariella Mizzi, LL.D., absence from these Islands from the 20th August 2006 till the 28th August 2006.

Carmel Muscat
For Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

1st August, 2006

Nru. 700

TRIBUNALI GĦAL TALBIET ŻGĦAR

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 657 tat-28 ta' Lulju, 2006, l-isem ta' l-Avukat Dott. Maria Karisson, LL.D. għandu jkun Karlsson. Id-dettalji l-oħra jibqgħu l-istess.

Is-7 ta'Awissu, 2006
(OPM/233/95)
(MJ/I/93/II/49)

No. 700

SMALL CLAIMS TRIBUNAL

WITH reference to Government Notice No. 657 of the 28th July, 2006, the name of Advocate Dr. Maria Karisson should read Karlsson. All other details remain unchanged.

7th August, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 78

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52(1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap.65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn taħt.

Ħ'Attard

Nhar it-Tlieta l-15 ta' Awissu 2006, mill-5.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, San Anton, il-Mithna, San Duminku u l-Mosta.

Vetturi pparkjati fit-toroq imsemmija hawn taħt fil-ħinijiet u data msemmija huwa pprojbit, u vetturi li jinsabu pparkjati hemm jiġu rmunkati.

It-8 ta' Awissu, 2006

POLICE NOTICE

No. 78

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap.65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated hereunder.

Attard

On Tuesday, 15th August 2006, from 5.00 p.m. till midnight through the following streets: il-Kbira, San Anton, il-Mitħna, San Duminku and il-Mosta

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

8th August, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 79

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-Artikolu 52(1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħad-Dingli

Nhar il-Ġimgħa 18 ta' Awissu 2006, bejn il-5.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Knisja, Misraħ Suffara, San Pawl tal-Pitkali, Ġann Marì Abela, il-Gvernatur William Reid, il-Ħemda, Claudette Agius, Carmelo Bugeja, Ġużè Ellul Mercer, Ċensa Spiteri, il-Kunċizzjoni, il-Parroċċa u Misraħ Ġużè Abela.

Nhar is-Sibt 19 ta' Awissu 2006, bejn is-6.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Madalena, l-Irdum, Għar Bittija, Misraħ Ġużè Abela, Santu Rokku, il-Kbira u l-Parroċċa.

Nhar il-Ħadd 20 ta' Awissu 2006, bejn it-8.00 a.m. u l-4.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: ix-Xefaq, Lemħet Filfla, Ġużè Ebejer, Dun Karm Azzopardi, il-Knisja, San Pawl, Salvu Azzopardi, Ġużè Ellul Mercer, il-Għajn, Santa Duminka, Santa Marija, il-Kbira, il-Parroċċa u Misraħ Ġużè Abela.

POLICE NOTICE

No. 79

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Section 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated:

Dingli

On Friday 18th August 2006, between 5.00 p.m. and midnight from the follwing streets: il-Knisja, Misraħ Suffara, San Pawl tal-Pitkali, Ġann Marì Abela, il-Gvernatur William Reid, il-Ħemda, Claudette Agius, Carmelo Bugeja, Ġużè Ellul Mercer, Ċensa Spiteri, il-Kunċizzjoni, il-Parroċċa and Misraħ Ġużè Abela.

On Saturday 19th August 2006 between 6.00 p.m. and midnight through the following streets: il-Madalena, l-Irdum, Għar Bittija, Misraħ Ġużè Abela, Santu Rokku, il-Kbira and il-Parroċċa.

On Sunday 20th August 2006 between 8.00 a.m. and 4.00 p.m through the following streets: ix-Xefaq, Lemħet Filfla, Ġużè Ebejer, Dun Karm Azzopardi, il-Knisja, San Pawl, Salvu Azzopardi, Ġużè Ellul Mercer, il-Għajn, Santa Duminka, Santa Marija, il-Kbira, il-Parroċċa and Misraħ Ġużè Abela.

Nhar il-Ħadd 20 ta' Awissu 2006, bejn l-4.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Buskett, San Ġwann Bosco, il-Kbira, il-Parroċċa, Santu Rokku, Misraħ Frenċ Abela, Ċensa Spiteri, Ġużè Ellul Mercer, Misraħ il-Mafkar u Pawlu Ebejer

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-Avviż jistgħu jiġu rmunkati.

It-8 ta' Awissu, 2006

On Sunday 20th August 2006 between 4.00 p.m. and midnight through the follwing streets: il-Buskett, San Ġwann Bosco, il-Kbira, il-Parroċċa, Santu Rokku, Misraħ Frenċ Abela, Ċensa Spiteri, Ġużè Ellul Mercer, Misraħ il-Mafkar and Pawlu Ebejer

Vehicles found in contravention of this Notice are liable to be towed

8th August, 2006

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema R
Skema ta' Kera Sussidjata fuq Residenzi Privati

B'riferenza għall-Skema R - Skema ta' Kera Sussidjata fuq Residenzi Privati - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Frar 1999, l-Awtorità tad-Djar qed tagħmel din l-emenda:-

Sub-Klawsola (i) ta' Klawsola 13 biex taqra kif ġej:-

13. Sussidju fuq il-Kera

(i) Is-sussidju jkun ibbażat fuq id-dħul annwu skond l-iskeda li ġejja:-

Kategorija	Dħul Annwu Totali għas-Sena Bażi Kalendarja	Sussidju Massimu Mħallas	L-Anqas Kera Mħallsa Mill-Kerrej
	Lm	Lm	Lm
Persuna li tgħix waħedha			
A	0,000 - 2,700	320	70
B	2,701 - 4,000	280	100
Ċ	4,001 - 5,000	230	140
Familja ta' 2 persuni (adulti)			
A	0,000 - 4,000	400	50
B	4,001 - 5,500	360	70
Ċ	5,501 - 6,000	310	90
Familja ta' 3 membri u aktar (familji bi tfal)			
A	0,000 - 5,000	415	40
B	5,001 - 5,500	375	60
C	5,501 - 6,000	325	80
D	6,001 - 6,500	275	100
E	6,501 - 7,000	225	120

It-8 ta' Awissu, 2006

HOUSING AUTHORITY

Scheme R
Rent Subsidisation Scheme on Privately Owned Dwellings

With reference to Scheme R - Rent Subsidisation Scheme on Privately Owned Dwellings – published in the Government Gazette of the 15th February 1999, the Housing Authority is publishing the following amendment-

Sub-Clause (i) of Clause 13 to read as follows:-

13. Rent Subsidisation

(i) The subsidy shall be based on the annual income according to the following schedules:-

Category	Gross Annual Income for a basic calendar Year	Maximum Annual Subsidy	Minimum Annual Rent Payable By
	Lm	Lm	Lm
Single Person Household			
A	0,000 - 2,700	320	70
B	2,701 - 4,000	280	100
C	4,001 - 5,000	230	140
Households with 2 members (adults)			
A	0,000 – 4,000	400	50
B	4,001 - 5,500	360	70
C	5,501 - 6,000	310	90
Households with 3 members and more (families with children)			
A	0,000 - 5,000	415	40
B	5,001 - 5,500	375	60
C	5,501 - 6,000	325	80
D	6,001 - 6,500	275	100
E	6,501 - 7,000	225	120

8th August, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Radjografu (Terapija) fid-Divizjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Radjografu (Terapija) fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-post ta' Radjografu (Terapija) għandu salarju ta' Lm4,967, li jiżdied b'Lm152 fis-sena sa massimu ta' Lm5,879 (Skala ta' Salarju 12). Persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) tiġi promossa għall-grad ta' Radjografu Anzjan (Terapija) fi Skala 10 (Lm5,590 x 175 – Lm6,640) wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) li għandha xi *degree* rikonoxxuta fit-*Therapeutic Radiography* titqiegħed fi Skala Nru. 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-*degree*, skond liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) gradwata titla' fi Skala Nru. 9 (Lm5,930 x 192 – Lm7,082) wara sentejn servizz bħala Radjografu (Terapija) gradwat. Persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) gradwata tiġi promossa għall-grad ta' Radjografu Anzjan (Terapija) wara sentejn servizz fil-grad ta' Radjografu (Terapija) jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full -ime* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) jinkludu:

a) thaddem u żżomm f'kundizzjoni tajba tat-tagħmir relatat ma' Radjoterapija u proċeduri ta' l-ippjanar;

b) tassigura u tagħti parir lill-pazjenti waqt it-trattament tagħhom;

ċ) tissorvelja l-*filing* u ċ-ċaqliq ta' *records* u dokumenti ta' pazjenti u ta' tagħmir;

d) tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Radiographer (Therapy) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the posts of Radiographer (Therapy) in the Health Division.

2.1. The post of Radiographer (Therapy) carries a salary of Lm4,967 per annum, rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,879 (Salary Scale 12). A Radiographer (Therapy) will be promoted to the grade of Senior Radiographer (Therapy) in Scale 10 (Lm5,590 x 175 – Lm6,640) on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. A Radiographer (Therapy) in possession of a recognised degree in Therapeutic Radiography will be placed in Salary Scale 10 with effect from hiseċher date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate Radiographer (Therapy) will progress to Salary Scale 9 (Lm5,930 x 192 – Lm7,082) on completion of two years service as graduate Radiographer (Therapy). A graduate Radiographer (Therapy) will be promoted to Senior Radiographer (Therapy) on completion of two years service in the grade of Radiographer (Therapy), subject to satisfactory performance.

2.3. Appointees will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Radiographer (Therapy) include:

a) operation and maintenance of equipment related to Radiotherapy and planning procedures;

b) reassuring and advising patients during their treatment;

c) supervision of the filing and movement of records and documents of patients and equipment;

d) will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, Floriana.

5. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom jew:

(i) id-Diploma fir-Radjografija (Terapija) tal-*College of Radiographers, UK*

jew

(ii) il-BSc (Hons) fit-*Therapeutic Radiography* tal-*Kingston University (UK)* jew kwalifika xierqa komparabbli;

d) ikunu rreġistrati bħala Radjografi (Terapija) fuq ir-reġistru tal-Kunsill għall-Professjonijiet Komplementari għall-Mediċina (Malta);

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Publiku

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of either:

(i) the Diploma in Radiography (Therapy) from the College of Radiographers U.K.;

or

(ii) the BSc (Hons) in Therapeutic Radiography from Kingston University, UK, or appropriate comparable qualification;

d) be registered as Radiographer (Therapy) on the register of the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct

ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejha, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti qabel u jagħtu d-dettalji).

6.1. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li ma jkollhomx il-kwalifiki msemmija fil-paragrafu 5(ċ) ta' hawn fuq iżda jissodisfaw il-kondizzjonijiet l-oħra msemmija f'paragrafi 5 (a), (b) u (e) u jkollhom żewġ suġġetti f'livell Avvanzat (jew komparabbli) fi Grad Ċ (jew ekwivalenti) jew aħjar, flimkien ma' ħames suġġetti f'livell Ordinarju tal-GCSE (jew komparabbli) fi Grad Ċ (jew ekwivalenti). Dawn is-suġġetti jridu jinkludu l-Lingwa Ingliża, Matematika u Fiżika jew *Combined Science*.

6.2. Applikanti li jgħaddu taħt dan il-paragrafu jiġu kkunsidrati biss għal post jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 5(ċ).

6.3. L-applikanti magħżula taħt dan il-paragrafu jridu jmorru barra minn Malta kif u meta jkun meħtieġ biex isegwu kors ta' taħriġ ta' tliet snin li jwassal għall-*BSc degree* imsemmija f'paragrafu 5(ċ) (ii) hawn fuq u jsiru eliġibbli biss għan-nomina ta' Radjografu (Terapija) wara li jkunu temmew b'suċċess il-kors ta' l-istudji tagħhom, u wara l-wasla tagħhom f'Malta.

6.4. Il-kandidati magħżula biex jagħmlu l-kors ta' taħriġ ikunu marbuta bir-regoli kif kontemplati fil-*Public Service Management Code*.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Applikanti li jiġu magħżula taħt paragrafu 6 u ma jkunux impjegati tal-Gvern, jiġu ngaġġati bħala *Trainee Radiographers (Therapy)* u jitħallsu *allowance* ta' Lm3,070 fis-sena sakemm ikunu maħturin *Radiographers (Therapy)*.

issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6.1. Applications will also be considered from candidates who do not possess the qualifications mentioned in paragraph 5(c) above but satisfy the other conditions of paragraphs 5 (a), (b) and (e) and who possess two Advanced level passes (or comparable) at grade C (or equivalent) or above, supported by five Grade C GCSE passes (or equivalent) at Ordinary level (or comparable). These must include English Language, Mathematics and Physics or Combined Science.

6.2. Successful applicants under this paragraph will only be considered for the post if there are not enough suitable candidates who qualify under paragraph 5(c).

6.3. Applicants selected under this paragraph must proceed abroad as and when required to follow a three-year course leading to the attainment of the BSc degree referred to at paragraph 5 (c) (ii) above and will only become eligible for appointment as Radiographer (Therapy) on the successful completion of their studies and on return to Malta.

6.4. Applicants proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Any applicants selected under paragraph 6 who are not public officers, will be engaged as Trainee Radiographers (Therapy) and paid an allowance of Lm3,070 per annum until they are appointed Radiographers (Therapy).

9.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali ghandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.2 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibgħatu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10.1. Bord ta' Għazla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippublika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

10.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:

http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

10.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatt għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana

13. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Dipartiment tar-Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, Floriana, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru 2006.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar

9.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universitiesċtertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which report should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

10.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at:

http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

11. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana

13. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana, by not later than noon of Friday, 1st September 2006.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 1st September 2006

ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +365 - 21235890.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni bizzejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-8 ta' Awissu, 2006

may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356-21226285 and +356 - 21235890.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

8th August, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Programme Manager (Enforcement)* fid-Diviżjoni tat-Taxxa fuq Valur Miżjud (VAT), fil-Ministeru tal-Finanzi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Programme Manager (Enforcement)* fid-Divizjoni tat-Taxxa fuq Valur Miżjud (VAT), fil-Ministeru tal-Finanzi.

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt għal tliet snin bħala *Programme Manager (Enforcement)* fil-Ministeru tal-Finanzi, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Programme Manager (Enforcement)* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-ħatra sustantiva tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal din il-ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku b'ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha mal-Ministeru tal-Finanzi kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u matul il-perjodu tal-kuntratt tinħatar fi grad fi skala b'salarju ogħla mill-massimu ta' Skala 7 tas-Servizz Pubbliku ta' Malta (bħalissa Lm8,081 fis-sena) hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Programme Manager (Enforcement)* u tkun trasferita għad-doveri relatati mal-ħatra l-ġdida tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 tas-Servizz Pubbliku ta' Malta permezz ta' progression, hi tiħalla tkompli l-perjodu

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Programme Manager (Enforcement) in the Division of VAT, Ministry of Finance

The Public Service Commission invites applications for the positions of Programme Manager (Enforcement) in the Division of Value Added Tax (VAT), Ministry of Finance.

2.1 The selected candidates will be expected to enter into a three-year performance contract as Programme Manager (Enforcement) in the Ministry of Finance, which may be renewed thereafter for further periods. Unsatisfactory performance as Programme Manager (Enforcement) during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, his/her service with the Ministry of Finance as well as with Maltese Government will be terminated in the event that the contract is not renewed or is terminated.

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a higher salary scale than the maximum of Salary Scale 7 of the Malta Public Service (currently Lm8,081 p.a.), he/she will be required to relinquish the duties of Programme Manager (Enforcement) and be transferred to duties pertinent to his/her new substantive appointment. Moreover, if the substantive basic salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Scale 7 of the Malta Public Service through progression, he/she will

ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

3.1 Persuna fil-pożizzjoni ta' P*rogramme Manager (Enforcement)* fil-Ministeru tal-Finanzi jkollha salarju ekwivalenti għal massimu ta' Skala 7 (bħalissa Lm8,081 fis-sena). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-ħatra sustantiva tagħha u s-salarju dovut għal din il-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.2 Il-persuna magħżula tkun intitolata wkoll għall-performance bonus sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku marbut ma' xogħol sodisfaċenti.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Programme Manager (Enforcement)* jinkludu:-

(a) li timmaniġġja u tkun responsabbli għall-*Unit* fi ħdan id-Diviżjoni tal-VAT u li taħdem fuq *Eco-contribution* jew fuq VAT;

(b) li tagħmel miri għan-nies taħt ir-responsabbiltà tagħha; tlesti *Performance Management Programmes* fil-ħin, u tassigura li n-nies ta' taħtha jaqdu dmirijiethom sew, u li tissottometti rapporti ta' progress b' mod regolari;

(ċ) li torganizza u timmaniġġja viżti lill-operaturi kummerċ jali biex tagħtihom pariri u tgħinhom fuq leġislazzjonijiet dwar VAT u *Eco-contribution;* li torganizza u timmaniġġa spezzjonijiet u viżti ta' kontroll għand l-operaturi kummerċjali jew mkejjen oħra biex tassigura li qegħdin jiġu segwiti l-leġiżlazzjonijiet dwar VAT u *Eco-Contribution,* u tassigura li qegħdin jittieħdu azzjonijiet ta' kontroll;

(d) li torganizza u timmaniġġa investigazzjonijiet ta' awditjar u, fejn hu meħtieġ, li tassigura li l-*assessments* joħorġu skond ir-riżultat;

(e) li tibqa' kurrenti ma' leġislazzjonijiet tal-VAT u *Eco-contribution,* ma' metodoloġija u proċeduri, u li tipprovdi pariri u direzzjoni lin-nies ta' taħtha;

(f) li taħdem ma', tikkonsulta u tipparteċipa f'laqgħat ma' entitajiet oħra, sew ġewwa kif ukoll barra d-Diviżjoni tal-VAT b'konnessjoni mal-*Eco-contribution* jew VAT;

(ġ) li tirrapreżenta lid-Divizjoni tal-VAT u/jew tagħti evidenza fil-Bord ta' l-Appell u l-Qrati f'każijiet li jikkonċernaw il-VAT u l-Eco-contribution;

(h) li torganizza stħarriġ għall-Ispetturi tal-VAT;

(i) li timmaniġġa l-monitoraġġ tar-*returns* tal-VAT u ta' l-*Eco-contribution;* li tanalizza dawn ir-returns minħabba *Risk Analysis,* u li tikkoordina riċerki sabiex tinteġħleb l-evażjoni tat-taxxa;

(j) li timmaniġġja oġġezzjonijiet, *reviews* u l-kollezzjoni tal-VAT u ta' l-*Eco-contribution;*

(k) li timplimenta metodi mtejba ta' infurzar u osservanza tal-leġiżlazzjonijiet tal-VAT u *Eco-contribution;*

(l) li timmaniġġja mistoqsijiet b'korrespondenza, b'*e-mail,*

be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered subsequent renewal of the contract.

3.1 The salary attached to the position of Programme Manager (Enforcement) is equivalent to the maximum of Scale 7 (currently Lm8,081 p.a.). In the case that a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2 The selected candidate will also be entitled to a performance bonus of up to a maximum of 10% of his/her basic salary subject to positive performance.

4. The duties of a Programme Manager (Enforcement) include:-

(a) To manage and be responsible for a unit within the VAT Division that deals with Eco-contribution or with VAT;

(b) To set targets for staff under his/her responsibilities; draw up Performance Management Programmes in time; to ensure that staff perform their duties proficiently and to submit regular progress reports;

(c) To organise and manage visits to business operators to advise and assist them on VAT and Eco-contribution legislation; to organise and manage inspections or control visits on the premises of business operators or elsewhere to ensure that the provisions of VAT and Eco-contribution legislation are being adhered to, and to ensure that follow up action is taken;

(d) To organise and manage audit investigations and, where necessary, to ensure that assessments are issued accordingly;

(e) To keep up to date with VAT and Eco-contribution legislation, methodologies and procedures and provide advice and direction to staff under his/her responsibilities;

(f) To liaise, consult and participate in meetings with other entities, both within or outside the VAT Division in connection with Eco-contribution or VAT;

(g) To represent the VAT Division and/or give evidence before the Appeals Board and the Courts of Justice in cases concerning VAT and Eco-contribution;

(h) To organise the training of Inspectors;

(i) To manage the monitoring of VAT and Eco-contribution returns; analyse such returns for the purpose of Risk Analysis and co-ordinate research through relevant databases in order to fight tax evasion;

(j) To manage objections, reviews and collection of VAT and Eco-contribution;

(k) To implement improved methods of enforcement and of observance of VAT and Eco-contribution legislation;

(l) To manage queries through correspondence, e-mail,

bit-telefon jew ma' kull kuntatt personali ieħor;

(m) li tagħmel xogħol amministrattiv ieħor skond kif ordnat mis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, jew mill-Kummissarju tal-VAT;

(n)possibbilment, li tagħmel id-doveri ta' deputat għas-superjur tagħha.

5. L-applikanti għandhom:

a) ikunu ċittadini ta' Malta;

b) (i) ikollhom *postgraduate degree* rikonoxxuta, jew kwalifika komparabbli rikonnuxuta oħra, fil-*Management, Accountancy*, jew *Banking and Finance*, u sena esperjenza ta' xogħol relevanti;

jew

(ii) ikollhom *first degree* rikonoxxuta, jew kwalifika komparabbli rikonoxxuta oħra, fil-*Management, Accountancy*, jew *Banking and Finance*, u tliet snin esperjenza ta' xogħol relevanti; u

ċ) ikunu ta' karattru morali sod (applikanti li huma impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola *Service and Leave Record Form (GP 47)*; waqt li applikanti minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt ħadmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn tibdil raġonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), ukoll jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikanti mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikanti għaliex ma jissodisfawx il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

telephone or any other personal contact;

(m) To perform other administrative work as directed by the Commissioner of VAT,

(n) Possibly to act as a deputy to his/her superior officer.

5. Applicants must be:

a) citizens of Malta;

b) (i) in possession of a recognised postgraduate degree, or a recognised comparable professional qualification, in Management, or Accountancy, or Banking and Finance, plus one year relevant work experience;

or

(ii) in possession of a recognised first degree, or a recognised comparable professional qualification, in Management, or Accountancy, or Banking and Finance, plus three years relevant work experience; and

c) of a good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or another competent authority not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications and state whether they have been in the Malta Government Service, giving details).

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

7.2 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg jew l-awtorità kkonċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni, bl-originali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.1 Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

8.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u muri fin-*notice boards* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru tal-Finanzi.

8.3 Jiġi ppubblikat avviż dwar ir-riżultat ta' l-intervisti kemm fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li hija http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviz fil-media lokali.

8.4 Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom isiru fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adattati għal din il-pożizzjoni.

10. Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex Uffiċċjali Pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma Uffiċjali Pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-Public Service Management Code. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz: http://www.mpo.gov.mt.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' curriculum vitae li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta, CMR02, sa mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru 2006.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn is-siti:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

7.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universitiesċtertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which report should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Ministry of Finance.

8.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

10. On engagement, selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at http://www.mpo.gov.mt.

11. Applications together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received in the first instance by Director Corporate Services, Ministry of Finance, Maison Demandols, South Street, Valletta CMR 02 by not later than noon of Friday, 1st September 2006.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Ministeru tal-Finanzi, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta, CMR02.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' fax jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru 2006, jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, fl-indirizz imsemmi hawn fuq sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-fax tad-Divizjoni riceventi huwa + 365 2125 1356.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-8 ta' Awissu, 2006

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Personnel Section, Department of Corporate Services, Ministry of Finance, Maison Demandols, South Street, Valletta CMR 02.

13. Applications received from abroad through fax or other similar message by noon of Friday, 1st September 2006, may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director Corporate Services, Ministry of Finance, Maison Demandols, South Street, Valletta CMR 02, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is +356 2125 1356.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, within seven (7) days.

8th August, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali fuq bażi temporanja fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Ufficjal Legali fuq bażi temporanja fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2.1. Il-post ta' Uffiċjal Legali *Junior* għandu salarju ta' Lm5,930 fis-sena, li jiżdied b'Lm192 kull sena sa massimu ta' Lm7,082 (Skala ta' Salarju Nru. 9).

2.2. Persuna fil-ħatra ta' Uffiċjal Legali *Junior* tinħatar Uffiċjal Legali fi Skala ta' Salarju Nru. 8 (Lm6,306 x Lm209 – Lm7,560) wara sentejn (2) ta' servizz sodisfaċenti fil-kariga.

2.3. Persuna magħżula li jkollha mill-inqas tliet (3) snin ta' prattika legali pprovati wara li tkun kisbet il-*warrant* ta' Avukat, tinħatar Uffiċjal Legali fuq skala tas-salarju Nru.8 (Lm6,306 x Lm209 – Lm7,560).

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Junior Legal Officer/Legal Officer on a Temporary Basis within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the post of Junior Legal Officer/Legal Officer on a temporary basis in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care.

2.1. The post of Junior Legal Officer carries a salary of Lm5,930 per annum, rising by annual increments of Lm192 up to a maximum of Lm7,082 (Salary Scale 9).

2.2. A Junior Legal Officer will, subject to satisfactory performance be upgraded to Legal Officer on a salary scale 8 (Lm6,306 x Lm209 – Lm7,560) on completion of two (2) years service in the grade.

2.3. A successful applicant who has at least three (3) years of proven legal practice after obtaining the warrant to practise as Advocate, will be appointed as Legal Officer in salary scale 8 (Lm6,306 x Lm209 – Lm7,560).

2.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Unions* kompetenti.

3.1. Din il-ħatra temporanja, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Kommunità. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Din il-ħatra temporanja tista' tiġi terminata mill-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità wara rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew meta l-persuna li bħalissa tokkupa l-kariga ta' Uffiċjal Legali terġa' lura għax-xogħol fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Kominità skond liema każ jokkorri l-ewwel.

3.3. Il-persuna nominata ma tiħallhiex tipprattika l-professjoni tagħha privatament.

4. Il-persuna fil-grad ta' *Junior Legal Officer/Legal Officer* taqa' taħt is-Segretarju Permanenti u uffiċjali għolja oħra fil-Ministeru. Hi tkun trid tagħmel xogħol relatat ma' ħwejjeġ legali u ta' *policy* iżda tkun trid ukoll tieħu sehem f'riċerki, tagħmel analiżi, tiġbor *data* u tħejji rapporti u dokumenti oħra kif meħtieġ partikolarment rigward ħwejjeġ legali u ta' *policy* ta' l-Unjoni Ewropea, kuntratti u proġetti ta' *tendering*.

5.1. L-applikanti għandhom:-

a) ikunu ċittadini ta' Malta;

b) (i) ikollhom il-*warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Avukat f'Malta;

jew

(ii) ikunu persuni li għandhom il-kwalifiki akkademiċi biex jieħdu dan il-*warrant*;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Publiku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti u jagħtu d-dettalji).

5.2. Applikanti li jaqgħu taħt paragrafu 5.1 (b) (ii) jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti li

2.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Unions.

3.1. This temporary appointment is on a full time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry of Health, the Elderly and Community Care. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. This temporary appointment may be terminated at any time by the Ministry of Health the Elderly and Community Care upon the recommendation of the Public Service Commission or when the current holder of the post of Legal Officer resumes his duties with the Ministry of Health, the Elderly and Community Care, whichever is the earlier.

3.3. The appointee will not be allowed to perform private practice of his/her profession.

4. A Junior Legal Officer/Legal Officer will be accountable to the Permanent Secretary and other senior staff within the Ministry. The person will be engaged in duties related to legal and policy matters but will also be required to participate in research work, perform analysis, compile data and draw up reports and other documents as necessary particularly in relation to European Union legal and policy matters, contractual relations and projects of tendering.

5.1. Applicants must:

a) be citizens of Malta;

b) (i) be in possession of a warrant to practise the profession of Advocate in Malta;

OR

(ii) persons having academic qualifications to obtain such warrant;

c) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

5.2. Successful applicants under paragraph 5.1 (b) (ii) will only be considered if there are not enough suitable

jgħaddu taħt paragrafu 5.1 (b) (i). Barra minn hekk, dawn il-persuni jingħataw il-ħatra biss meta jiksbu l-*warrant* li jipprattikaw bħala Avukat.

5.3. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa għal kwalifiki relatati ma' direttivi u regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea.

6.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkuppjata lill-KNPD.

7.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7.2. Hija r-responabiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg jew l-awtorità kkonċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

8.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice - board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

8.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:

applicants under paragraph 5.1 (b) (i). Such applicants, moreover, will only become appointable when they obtain the warrant to practise as Advocate.

5.3. Due consideration will be given for qualifications relating to European Union directives and regulations.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

7.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

7.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which report should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

8.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

8.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

8.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at:

http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

10. Il-persuna magħżula tista' wkoll tkun meħtieġa li tattendi għall-korsijiet ta' taħriġ kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Persuna li tintbagħat biex tagħmel korsijiet ta' taħriġ barra minn Malta tkun marbuta bil-kundizzjonijiet relevanti mniżżla fil-*Public Service Management Code*.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru 2006.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand il-Ministeru mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tal-Ministeru riċeventi hu +356-21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sal-Ministeru. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni bizzejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat riċevuta mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-8 ta' Awissu, 2006

http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

10. The selected applicant may also be required to undergo training courses in Malta or abroad. When following courses abroad, he/she will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Permanent Secretary, Ministry of Health, the Elderly and Community Care, 15, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 1st September 2006.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 1st September 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Ministry by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Ministry is +356-21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary in the Ministry of Health, the Elderly and Community care and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care within seven days.

8th August, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Catering Manager* fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Catering Manager* fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2.1. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Catering Manager* fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Catering Manager* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha mad-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità kif ukoll mal-Gvern jintemm fil-każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

3.1. Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' *Catering Manager* ikun ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju Nru. 7 (Lm8,081).

3.2. F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Catering Manager* fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità u tkun trasferita għal doveri li jikkorrespondu mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv ta' persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala ta' Salarju Nru. 7 permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

5. Id-dmirijiet ta' *Catering Manager* fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità jinkludu:

(a) Assigurazzjoni li l-*policies* stabbiliti mill-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità jifhmuhom u jimplimentawhom il-ħaddiema kollha;

(b) Risponsabbiltà għall-kċejjen tar-Residenza San

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the position of Catering Manager in the Department of the Elderly and Community care within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the position of Catering Manager in the Department for the Elderly and Community Care.

2.1. The selected candidate will be expected to enter into a three (3) year contract as Catering Manager in the Department for the Elderly and Community Care, which may be renewed for further periods. Unsatisfactory performance as Catering Manager during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer in the Malta Public Service, his/her service with the Department of the Elderly and Community Care as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

3.1. The salary attached to the position of Catering Manager is equivalent to the maximum of Salary Scale 7 (currently Lm 8,081 per annum).

3.2. In the case that the selected applicant is a Public Officer in the Malta Public Service, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Catering Manager in the Department of the Elderly and Community Care and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered subsequent renewal of the contract.

5. The duties of Catering Manager in the Department of Elderly and Community Care include:

(a) Ensuring that the policies laid down by the Ministry of Health, Elderly and Community Care are understood by staff and fully implemented;

(b) Responsibility for the kitchens at the St. Vincent De

Vinċenz De Paule, Mtarfa Home, Floriana Home u għall-immaniġġjar ta' l-imħażen ta' l-ikel;

(ċ) Assigurazzjoni ta' tmexxija xierqa tar-Residenza San Vinċenz De Paule bit-twaqqif ta' l-ogħla livelli ta' iġjene u sigurtà;

(d) Assigurazzjoni li d-dmirijiet essenzjali jsiru kuljum mill-impjegati kollha tal-kċina tar-Residenza San Vinċenz De Paule bit-twaqqif ta' *work chart* li turi biċ-ċar id-dmirijiet kollha ta' kuljum u min ikun risponsabbli għat-twettiq tagħhom;

(e) Għajnuna prattika u superviżjoni ta' l-impjegati kollha tal-kċina fir-Residenza San Vinċenz De Paule;

(f) Assigurazzjoni li l-kċina, inkluż it-tagħmir kollu, ikun miżmum kif xieraq, fl-aħjar kundizzjoni u strettament nadif ħafna;

(g) Żamma ta' *records* b'mod effiċjenti u ta' l-istess *standards* finanzjarji u amministrattivi oħra kif meħtieġ mill-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, inkluż rapport qasir fil-gimgħa ta' materjal użat;

(h) Kull xogħol ieħor li jkun meħtieġ, skond il-livell ta' risponsabbiltà u tal-grad tal-post;

(i) Użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

6. L-applikanti għandhom :

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Paule Residence, Mtarfa Home, Floriana Home and the management of food stores;

(c) Ensuring the proper running of St. Vincent De Paule Residence establishing the highest hygiene and safety standards;

(d) Ensuring that all essential duties are covered each day by all staff at St. Vincent De Paule Residence kitchen drawing up a work chart which sets out clearly all daily duties and who is responsible for their performance;

(e) Practical support and supervision to all staff working in the kitchen at St. Vincent De Paul Residence;

(f) Ensuring that the kitchen, including all equipment, is properly maintained, run in an optimum manner, and kept strictly clean;

(g) The maintenance of efficient, standardized records of financial and other administration as required by the Ministry of Health, Elderly and Community Care, including a weekly summary of goods consumed;

(h) Performance of any other duties which may be required, consistent with the level of responsibility and grading of the post.

(i) Use of the Information Technology systems which may be in operation within the Department of Elderly and Community Care.

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) (i) ikollhom id-*Diploma in Food and Beverage Service* ta' l-*Institute of Tourism Studies* jew kwalifika oħra komparabbli xierqa u mill-inqas tliet snin esperjenza ta' xogħol fil-*food services management* f'livell għoli;

JEW

(ii) ikollhom id-*Diploma in Environmental Health* ta' l-*Institute of Health Care* jew kwalifika oħra komparabbli xierqa u mill-inqas tliet snin esperjenza ta' xogħol fil-*food services management* f'livell għoli;

JEW

(iii) ikunu uffiċjali pubbliċi li għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fi Skala ta' Salarju mhux inqas minn Skala 10 u li għandhom mill-inqas 6 snin esperjenza ta' xogħol fil-*food services management* f'livell għoli;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti qabel u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/ tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) (i) be in possession of the Diploma in Food and Beverage Service issued by the Institute of Tourism Studies or other appropriate comparable qualification, and at least 3 years work experience in food services management at senior level;

OR

(ii) be in possession of the Diploma in Environmental Health issued by the Institute of Health Care or other appropriate comparable qualification, and at least 3 years work experience in food services management at senior level;

OR

(iii) be public officers holding a substantive appointment in the Malta Public Service not below Salary Scale 10 who have at least 6 years work experience in food services management at senior level.

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2 Hija r-responabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/ Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet;

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-pożizzjoni.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:
http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

11. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-ftehim, li japplika għal dawk l-uffiċjali pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema ftehim jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code* rispettivament. Il-*Public Service Management Code* jista' jiġi aċċessat fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz: http://www.mpo.gov.mt

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which report should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at:
http://www.psc.gov.mt.A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

11. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive appointment in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address : http://www.mpo.gov.mt

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Service and Leave Record Form (GP 47)* jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru 2006.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-8 ta' Awissu, 2006

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. The prescribed application forms together with a Service and Leave Record Form (GP 47) will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon of Friday, 1st September 2006.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 1st September 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

8th August, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Revenue Officer* fid-Diviżjoni tat-Taxxi Interni, Ministeru tal-Finanzi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Revenue Officer* fid-Diviżjoni tat-Taxxi Interni fil-Ministeru tal-Finanzi.

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt għal tliet snin bħala *Revenue Officer* fil-Ministeru tal-Finanzi, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Revenue Officer* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku b'ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta hija żżomm il-ħatra sustantiva tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal din il-ħatra sustantiva meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku b'ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha mal-Ministeru tal-Finanzi kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Revenue Officer in the Inland Revenue Division, Ministry of Finance

The Public Service Commission invites applications for the positions of Revenue Officer in the Inland Revenue Division, Ministry of Finance.

2.1 The selected candidates will be expected to enter into a three-year performance contract as Revenue Officer in the Ministry of Finance, which may be renewed thereafter for further periods. Unsatisfactory performance as Revenue Officer during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If a selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer in the Malta Public Service, his/her service with the Ministry of Finance as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that the contract is not renewed or is terminated.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku b'ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad fi skala b'salarju ogħla minn Skala 10 tas-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Revenue Officer* u tkun trasferita għad-doveri relatati mal-ħatra l-ġdida tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 10 tas-Servizz Pubbliku ta' Malta permezz ta' *progression*, hi titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

3.1 Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Revenue Officer* fil-Ministeru tal-Finanzi huwa ta' Lm5,590 fis-sena li jitla' b'Lm175 kull sena sa massimu ta' Lm6,640 (Skala ta' Salarju 10). F'każ li persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-ħatra sustantiva tagħha u s-salarju dovut għal din il-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.2 Il-persuna magħżula tkun intitolata wkoll għall-*non-pensionable allowance* ta' Lm720 fis-sena.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Revenue Officer* jinkludu li:-

a) tagħmel xogħol konness mal-leġiżlazzjoni tat-Taxxa fuq id-Dħul, inkluż Awditjar tat-Taxxa, u li tippreżenta każi quddiem il-Bord tal-Kummissjonarji Speċjali u *FSS field audits*;

b) tassigura li d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa, ir-*returns* tat-Taxxa fuq id-Dħul u tas-*self-assessment*, il-formoli ta' l-*adjustments* u kull *returns* oħra jkunu mimlijin b'mod korrett;

ċ) tassigura li l-kotba proprja ta' l-*accounts* huma miżmuma;

d) tagħmel xogħol amministrattiv, li jista' jinkludi *assessments*, awditjar ta' kotba u azzjonijiet oħra;

e) tirrakkomanda kif jista' jittejbu metodi ta' infurzar u osservanza tal-leġiżlazzjoni tat-Taxxa fuq id-Dħul;

f) taġġorna ruħha ma' kull tibdil li jista' jseħħ fejn tidħol leġiżlazzjoni tat-Taxxa fuq id-Dħul;

g) tittratta l-korrespondenza li għandha x'taqsam max-xogħol tagħha.

5. L-applikanti għandhom:

a) ikunu ċittadini ta' Malta;

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a higher salary scale than Scale 10 of the Malta Public Service, he/she will be required to relinquish the duties of Revenue Officer and be transferred to duties pertinent to his/her new substantive appointment. Moreover, if the substantive basic salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Scale 10 of the Malta Public Service through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered subsequent renewal of the contract.

3.1 The position of Revenue Officer carries a salary of Lm5,590 per annum rising by annual increments of Lm175 up to a maximum of Lm6,640 (Salary Scale 10). In the case that the selected candidate is a Public Officer holding a substanive grade in the Malta Public Service, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2 The selected candidate will also be entitled to a non-pensionable allowance of Lm720 per annum.

4. The duties of Revenue Officer in the Inland Revenue Division include the following:-

a) performing appropriate duties connected with the Income Tax legislation including Tax Auditing, and representation before the Board of Special Commissioners and F.S.S. field audits;

b) ensuring that the tax declarations, the income tax returns and the self-assessment, the adjustment forms and further returns are properly completed in a true and correct manner;

c) ensuring that proper books of accounts are kept;

d) performing other administrative work, which may include assessments, book auditing and the necessary follow-up action;

e) recommending procedures to improve methods of enforcement and compliance to the Income Tax legislation;

f) keeping abreast with all the current changes relating to Income Tax legislation;

g) dealing with correspondence connected with his/her work.

5. Applicants must be:

(a) citizens of Malta;

b) ikollhom *first degree* rikonuxxuta, jew kwalifika oħra xierqa, rikonoxxuta u komparabbli, fl-*Accounting;*

u

ċ) ikunu ta' karattru morali sod (applikanti li huma mpjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-Formola (GP 47) *Service and Leave Record*; waqt li l-applikanti minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn tibdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għal din il-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

7.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjunarju tat-Taxxi Interni, Diviżjoni tat-Taxxi Interni, Floriana.

7.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

7.4 Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom isiru fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultati.

(b) in possession of a first degree, or a recognised appropriate comparable qualification, in Accounting;

and

(c) of a good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or a competent authority not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications and state whether they have been in Malta Government Service, giving details).

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

7.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Office of the Commissioner of Inland Revenue, Inland Revenue Division, Floriana.

7.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

7.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibgħatu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adattati għal din il-pożizzjoni.

10. Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex Uffiċjali Pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma Uffiċjali Pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz: http://www.mpo.gov.mt

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn is-siti:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu minghand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, Diviżjoni tat-Taxxi Interni, Floriana CMR 02.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Curriculum Vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, Diviżjoni tat-Taxxi Interni, Floriana CMR02 sa mhux aktar tard minn-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru 2006.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, fl-indirizz imsemmi hawn fuq sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa +365 2296 2802.

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which report should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

10. On engagement, selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address: http://www.mpo.go.mt

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Commissioner of Inland Revenue, Inland Revenue Department, Floriana CMR 02.

12. Applications together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received in the first instance by the Commissioner of Inland Revenue, Inland Revenue Division, Floriana CMR 02, by not later than noon of Friday, 1st September 2006.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 1st September 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Commissioner of Inland Revenue, Inland Revenue Division, Floriana CMR 02, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Commissioner of Inland Revenue is +356 2296 2802.

14. (a)Tingħata rċevuta minnufih mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lid-Diviżjoni.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

It-8 ta' Awissu, 2006

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Commissioner of Inland Revenue and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Commissioner of Inland Revenue within seven (7) days.

8th August, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Consultant Pathologist (Histopathology)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa, fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-postijiet ta' *Consultant Pathologist (Histopathology)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Consultant Pathologist (Histopathology)* għandu salarju ta' Lm10,503 fis-sena (Skala ta' Salarju Nru. 4).

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' 40 siegħa u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' roster.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' fil-għodu, imma skond l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinhar magħduda s-sessjonijiet ta' *outpatient*s jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mnżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm il-darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Consultant Pathologist (Histopathology) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the posts of Consultant Pathologist (Histopathology) in the Health Division.

2. The post of Consultant Pathologist (Histopathology) carries a salary of Lm10,503 per annum (Salary Scale No. 4).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be conditioned to a 40-hour week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. The working hours of the appointee shall not necessarily be limited to morning duties, but in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions including outpatient sessions may have to be carried out as per arrangements approved by the Health Division.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. Il-persuna fil-grad ta' *Consultant Pathologist* tifforma parti mid-Dipartiment tal-Patoloġija u tkun taqa' direttament taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Patoloġija. Hi tkun fid-dmir li tieħu sehem fl-attivitajiet u fil-programm tat-tagħlim tad-Dipartiment tal-Patoloġija.

5.2. Il-persuna nominata trid taħdem id f'id mal-Kap tat-Taqsima tal-*Histopathology* għar-rappurtar ta' rutina tal-*Histopathology*.

5.3. Il-persuna nominata tkun fid-dmir li tipparteċipa meta jsiru eżamijiet *post-mortem*.

5.4. Il-persuna nominata trid tipprovdi servizz ta' konsulent għall-Isptar San Luqa, għall-isptarijiet l-oħra u għas-servizzi tas-saħħa pprovduti mill-Gvern skond il-politika tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

5.5. Il-persuna nominata tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif ikun meħtieg u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.6. Il-persuna nominata tkun responsabbli li tiżgura t-twettiq ta' programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni għall-i*staff* li jagħmlu testijiet tal-laboratorju taħt il-karigu tagħha.

5.7. Il-persuna nominata tkun trid tistabbilixxi mekkaniżmu xieraq biex tassigura kwalità tas-servizz u verifika medika.

5.8. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'kaz ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' L-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur,

5.1. The Consultant Pathologist will form part of the Department of Pathology and will be directly accountable to the Chairman of the Department of Pathology. He/She will be expected to take part in the activities of the Department of Pathology and to practise in its teaching programme.

5.2. The appointee should liaise with the Head of the Histopathology Section for routine Histopathology reporting.

5.3. The appointee will participate in the performance of post-mortem examinations.

5.4. The appointee will provide consultant service to St.Luke's Hospital, other hospitals and the health services provided by Government within the policy of the Health Division.

5.5. The appointee will participate in undergraduate and postgraduate teaching and training as required and involve himself/herself in ongoing research programmes.

5.6. The appointee shall be responsible to ensure the implementation of an on-going (continuing) training and education programme in respect of the staff performing laboratory tests under his/her charge.

5.7. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

5.8. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must:-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the

Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom Liċenzja biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(d) ikollhom:

JEW

(i) evidenza ta' eliġibbilità ta' reġistrazzjoni bħala *Specialist* fil-Patoloġija fl-Unjoni Ewropeja;

JEW

(ii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Patoloġija (e.g. MRCPath jew kwalifika oħra komparabbli xierqa) u sentejn esperjenza fil-grad ta' *Senior Registrar* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta;

JEW

(iii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Patoloġija (e.g. MRCPath jew kwalifika oħra komparabbli xierqa) u ħames snin ta' esperjenza fl-ispeċjalità wara li jkunu ġabu l-imsemmija kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni;

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Publiku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti qabel u jagħtu d-dettalji).

7.1 Persuni rregistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu

Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a licence to practise the Medical Profession in Malta;

(d) be in possession of:

EITHER

(i) Evidence of eligibility for Specialist registration in Pathology in the European Union;

OR

(ii) Higher postgraduate qualification in Pathology (e.g. MRCPath or other appropriate comparable qualification) and two years experience in the grade of Senior Registrar in the Malta Public Service;

OR

(iii) Higher postgraduate qualification in Pathology (e.g. MRCPath or other appropriate comparable qualification) and five years experience in the speciality following the attainment of the said higher postgraduate qualification;

(e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant

msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet;

9.1 Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru 2006.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali

documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which report should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http:///www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana

12. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 1st September 2006.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 1st September 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach

ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-fax tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-8 ta' Awissu, 2006

the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356-21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

8th August, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Perit jew Perit *Junior* fid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Perit/Perit *Junior* fid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex.

2. Is-salarju ta' Perit huwa ta' Lm6,306 fis-sena li jiżdied b'Lm209 fis-sena sa massimu ta' Lm7,560 (Salarju ta' Skala 8).

3.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u d-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp, Ministeru għal Għawdex b'mod partikulari. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2 Il-persuna nominata titħalla teżercita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Il-persuna maħtura tkun meħtieġa li taħdem f'Għawdex.

5. Id-dmirijiet ta' persuna fil-post ta' Perit/Perit *Junior* fid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal-Għawdex jinkludu:

(i) l-iżvilupp ta' *Business Plans* u Programmi ta' xogħol skond il-*policies* tad-Dipartiment bi qbil mad-Direttur għall-Proġetti u Żvilupp u l-assigurazzjoni li pjanijiet u programmi jiġu osservati;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Architect and Civil Engineer/Junior Architect and Civil Engineer in the Department of Projects and Development, Ministry for Gozo

The Public Service Commission invites applications for the post of Architect and Civil Engineer/Junior Architect and Civil Engineer in the Department of Projects and Development, Ministry for Gozo.

2. The salary attached to the post of Architect and Civil Engineer is Lm6,306 per annum rising by annual increments of Lm209 up to a maximum of Lm7,560 (Salary Scale 8).

3.1 The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Department of Projects and Development, Ministry for Gozo in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2 The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the Malta Public Service.

4. The appointee will be required to work in Gozo.

5. The duties of an Architect and Civil Engineer/Junior Architect and Civil Engineer at the Department of Projects and Development in the Ministry for Gozo include:

(i) developing Business Plans and Programmes of work in accordance with policies of the Department and in liaison with the Director for Projects and Development, and ensuring that plans/programmes are adhered to;

(ii) l-implimentazzjoni tal-programmi tax-xogħol tad-Dipartiment b'mod li jiġi żgurat li x-xogħol isir b'mod effettiv u b'effiċjenza;

(iii) il-preparazzjoni ta' disinni preliminarji, pjanti u estimi għall-approvazzjoni tad-Direttur għall-Proġetti u Żvilupp;

(iv) li tikkoordina u ssegwi kull tip ta' xogħol ta' disinn dettaljat u provi ta' speċifikazzjonijiet u tagħmel sorveljanza tagħhom;

(v) it-tfassil u t-tħejjija ta' speċifikazzjonijiet ta' xogħol ta' arkitettura u inġinerija ċivili li jkollu d-Dipartiment;

(vi) il-preparazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' permessi tal-bini u permessi oħra mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA);

(vii) l-eżaminar ta' applikazzjonijiet għall-akkwist ta' propjetà privata u tal-Gvern;

(viii) li tivvaluta artijiet u bini involuti f'5 (vii) hawn fuq;

(ix) spezzjonijiet fuq il-post u tiċċertifika dokumenti ta' kwalità u kwantità tax-xogħol komplut u tal-materjal użat fil-proġett;

(x) xogħol ieħor li jitqies xieraq mid-Direttur għall-Proġetti u Żvilupp.

6. L-applikanti għandhom:

(i) (a) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(ċ) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw il-dispożizzjonijiet ta' l-UE); jew

(d) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(a), (b) u (ċ) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ) u (d) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(iii) ikollhom *Warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Perit f'Malta flimkien ma' tliet (3) snin prattika tal-professjoni tagħhom wara l-kisba tal-*Warrant*;

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà

(ii) implementing the Department's programme of works, ensuring effectiveness and efficiency in the execution of works;

(iii) preparing preliminary designs, layouts and estimates for approval by the Director for Projects and Development;

(iv) co-ordinating and carrying out all detailed design and draft specifications and monitoring same;

(v) designing and drawing up specifications for architectural and civil engineering works which are undertaken by the Department;

(vi) preparing applications to the Malta Environment and Planning Authority (MEPA) for the granting of building and other permits;

(vii) vetting applications for the acquisition of Government and private property;

(viii) valuing land and buildings involved in 5 (vii) above;

(ix) carrying out site supervision and certifying records of quality and quantity of works carried out and materials supplied on projects;

(x) carrying out other duties as deemed appropriate by the Director for Projects and Development.

6. Applicants must:

(i) (a) be citizens of Malta; or

(b) citizens of another European Union Member State; or

(c) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(d) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (a), (b) and (c) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (b), (c) and (d) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) be in possession of a Warrant to practice as Architect and Civil Engineer in Malta as well as three (3) years practice in their profession after obtaining the Warrant;

(iv) be of good moral character (applicants who are already

qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti u jagħtu d-dettalji).

7.1 Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand:

(a) individwi li għandhom il-*Warrant* u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 6 (i), (ii) u (iv) hawn fuq, iżda li m'għandhomx it-tliet (3) snin prattika fil-professjoni tagħhom wara l-kisba tal-*Warrant*. Kandidati magħżula taħt din il-klawsola jieħdu l-ħatra ta' Perit *Junior*, u jirċievu salarju ta' Lm 5,930 x 192 – Lm7,082 (Skala ta' Salarju 9);

JEW

(b) individwi li jkollhom il-kwalifiki neċessarji biex jiksbu l-*Warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Perit f'Malta.

7.2 Applikanti li jgħaddu taħt paragrafi 7.1(a) u (b) jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 6 (iii). Applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 7.1(a) jingħataw preferenza fuq applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 7.1(b). Barra minn hekk, applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 7.1(b) isiru eliġibbli għall-ħatra biss meta jġibu l-*Warrant* biex jeżerċitaw il-professjoni ta' Perit f'Malta.

7.3 Persuna fil-grad ta' Perit *Junior,* sakemm twettaq dmirijietha b'mod sodisfaċenti, tkun eliġibbli għall-promozzjoni ta' *Perit* fuq l-iskala ta' salarju msemmija f'paragrafu 2, wara li ttemm sentejn servizz fil-kariga.

8.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn tibdil raġonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), Att (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-

in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or another competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Maltese Government Service, giving details).

7.1 Applications will also be received from:

(a) persons in possession of the Warrant and who also satisfy the requirements stated in 6 (i), (ii) and (iv) above, but do not have the requested three (3) years practice in their profession after obtaining the Warrant. A candidate selected under this clause will be appointed Junior Architect and Civil Engineer, with a salary of Lm5,930 x 192 – Lm7,082 (Salary Scale 9);

OR

(b) persons having the academic qualifications to obtain such Warrant to exercise the profession of Architect and Civil Engineer in Malta.

